**388. Is-Segretarju Parlamentari għall-Ippjanar u Simplifikazzjoni Amministrattiva, l-Onor Deborah Schembri pproponiet:**

Billi hija l-politika tal-Gvern li jippromwovi attivitajiet politiko-kulturali, il-Gvern qiegħed jiddisponi b'titolu ta' enfitewsi temporanja a favur il-Fondazzjoni Fortunato u Enrico Mizzi għal perjodu ta' tletin (30) sena l-fond bl-arja tiegħu bin-numri uffiċjali għaxra (10) u tnax (12) li jinsab fi Triq San Ġwann, il-Belt Valletta.

Illi dan il-fond ser jintuża esklussivament biex iservi bħala mużew tal-istorja politika tal-epoka taż-żewġ statisti Maltin Fortunato u Enrico Mizzi u bħala font tar-riċerka tal-istorja politika Maltija;

U billi huwa maħsub fil-paragrafu (d) tas-sub-artikolu (1) tal-artikolu 3 tal-Att dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern (Kapitolu 268), li proprjetà li tkun proprjetà tal-Gvern jew amministrata minnu tista' tiġi trasferita skont riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati li tkun fis-seħħ fil-waqt tat-trasferiment;

U billi huwa xieraq li t-trasferiment fuq imsemmi jsir skont riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati;

Għalhekk huwa b'dan riżolut li proprjetà *ossi a* il-fond bl-arja tiegħu bin-numri uffiċjali għaxra (10) u tnax (12) li jinsab fi Triq San Ġwann, il-Belt Valletta, kif deskritt aħjar fl-abbozz tal-kuntratt li jinsab imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra, jiġi mogħti b'titolu ta' enfitewsi temporanja għal perjodu ta' tletin (30) sena dekorribbli mid-data tal-att a favur il-Fondazzjoni Fortunato u Enrico Mizzi għall-iskop, u skont il-pattijiet u l-kundizzjonijiet imsemmija fl-istess abbozz.

27.07.16